MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 3/2003

**Tabria Company Limited**

**vs**

**Michael Stivala**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta’ Jannar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm821.28) rapprezentanti hlas ta’ kera dovut lis-socjeta attrici ghall-fond sitwat Ta’Xbiex Wharf, li jgib in-numru sebgha (7), bir-rata pattwita ta’ lira u hamsin centezmu (Lm1.50) ghal-kull gurnata pagabbli kull tlett (3) xhur bil-quddiem u dan ghall-iskadenzi li jibdew 25 ta’ Awissu 2001 (Lm136.88), 25 Novembru 2001 (Lm136.88), 25 ta’ Frar 2002 (Lm136.88), 25 ta’ Mejju 2002 (Lm136.88), 25

Awissu 2002 (Lm136.88) u 25 ta’ Novembru 2002 (Lm136.88).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut hallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm821.28), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------